MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 89/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra talli fit-2 ta' Settembru 2008 u fil-granet u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin f'hinijiet differenti fil-Gzejjer Maltin, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u dana bi ksur ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

(A) fl-10 ta' Awissu 2008 ghall-habta tal-16:30, fl-inhawi vicin tal-OIWAS Open Centre, Triq Hal-Far, limiti ta' Birzebbugia:

(1) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBD-882, liema ammont ta' hsara hu izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ghad-detriment ta' Anuska Borg Falzon;

(B) fit-30 ta' Awissu 2008 ghal habta ta' 12:00hrs fil-vicinanzi tal-OIWAS Open Centre, Triq Hal-Far, limiti ta' Birzebbugia:

(2) offenda l-pudur jew morali b'ghemil li ghamel f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;

(3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi imbotta lil Miriam Ahmed Ali (66HH005) fit-triq biex iweggaghha jew jinsultaha;

(4) matul l-ahhar xhur f'diversi mkejjen fil-Gzejjer Maltin, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Rahama Mohamed Ali u/jew b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall-imsemmija Rahama Mohamed Ali (06HH02);

(5) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel, bl-awtorita` tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew hatt bini jew kiser il-mixi ta' l-ilma jew ha l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor;

(C) fit-30 ta' Awissu 2008 ghal habta tal-15:00hrs fi Triq Hal Far limiti ta' Birzebbugia:

(6) ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq P.S. 1602 Marco Mifsud u P.C. 589 Etienne Grima, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(7) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li b'tali mgieba tieghu ser jikkaguna lil haddiehor biza';

(8) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra P.S. 1602 Marco Mifsud u P.C. 589 Etienne Grima, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

(9) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjal pubbliku jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu;

(10) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;

(11) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, glied jew mod iehor, u talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f dagha fil-pubbliku;

(D) fit-2 ta' Settembru 2008 u fil-granet ta' qabel f'diversi hinijiet tal-gurnata fl-inhawi vicin tal-OIWAS Open Centre, Triq Hal Far, limiti ta' Birzebbugia:

(12) bil-hsieb li jaghmel ferita ta' natura gravi fuq diversi persuni, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, meta saq fid-direzzjoni ta' l-istess persuni bil-vettura ta' l-ghamla Volvo bin-numru ta' registrazzjoni HAA-416, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta` tieghu;

(13) fit-2 ta’ Settembru u fil-granet ta’ qabel gab ruhu b’tali mod li kkaguna lil haddiehor biza’ li ser tintuza vjolenza meta huwa kien jaf jew messu kien jaf li b’tali mgieba tieghu ser jikkaguna lil haddiehor biza’;

(14) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lill-persuna ta’ Miriam Ahmed Ali (06HH-005) b’arma tan-nar;

(15) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

(16) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HAA-416 tal-ghamla Volvo b’manjiera perikoluza, traskurata u bla kont;

(17) saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HAA-416 tal-ghamla Volvo minghajr licenzja tas-sewqan, kif ukoll il-vettura ma kinitx licenzjata mill-Awtorita` tat-Trasport ta’ Malta biex tintuza fit-triq u mhux inxurjata ghal terzi persuni.

Il-Qorti giet mitluba tittratta ma’ l-imputat li huwa recidiv u dan wara li nstab hati mill-Qorti tal-Magistrati Malta b’diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvediment ta’ l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta’ ta’ Anuska Borg Falzon, P.S. 1602 Marco Mifsud u P.C. 589 Etienne Grima u Rahama Mohammed Ali (06HH02) u Miriam Ahmed Ali (06HH005);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Marzu, 2009, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Joseph Zahra hati tat-tielet, ir-raba’, il-hames, it-tnax, l-erbatax, il-hmistax u s-sbatax-il imputazzjoni in kwantu qed tirreferi ghal sewqan ta’ vettura mhux licenzjata u minghajr kopertura ta’ assikurazzjoni, kif ukoll ma sabitux hati li huwa recidiv u lliberatu minn dawn l-imputazzjonijiet, izda, wara li rat l-artikoli 17,91, 95, 96, 209, 216, 251B,

325(1)(b), 338(dd) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu kkawza hsara volontarja li ma teccedix €1,164.69, it-tieni, is-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa', l-ghaxar, il-hdax, it-tlettax, is-sittax u s-sbatax-il imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewqan minghajr licenzja u kkundannatu ghal erbatax-il (14) xahar prigunerija. Inoltre u ghal kull bwon fini l-ewwel Qorti ddikjarat li qed terga' tissospendieh milli jkollu kwalunkwe tip ta' licenzja tas-sewqan. Fl-ahharnett, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u biex tipprovdi ghas-sigurta` ta' P.S. 1602 Marco Mifsud, P.C. 589 Etienne Grima, Anuska Borg Falzon, Rahama Mohammed Ali, Miriam Ahmed Ali, Nimo Aden Ali u Zeineb Mohammed Yousef, rabtet lill-istess Joseph Zahra b'garanzija ta' elfejn euro (€2,000) ghal zmien sena li tibda tiddekorri minn meta jiskonta l-piena karcerarja, li ma jimmolestax jew idejjaq lill-imsemmija persuni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Zahra ipprezentat fl-20 ta' Marzu, 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabitu mhux hati tat-tielet, ir-raba', il-hames, it-tnax, l-erbatax, il-hmistax, in parte s-sbatax-il imputazzjoni u l-imputazzjoni tar-recidiva u lliberatu minnhom, izda tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel, it-tieni, is-sitt, is-seba', it-tmin, id-disa', l-ghaxar, il-hdax, it-tlettax, is-sittax u s-sbatax-il imputazzjonijiet, b'din ta' l-ahhar in kwantu tirreferi biss ghal sewqan minghajr licenzja, u tilliberah minnhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) ghandu jigi lliberat mill-ewwel imputazzjoni peress illi hadd ma rah jaghmel hsara fuq il-karozza GBD-882. Sidt il-karozza kkonkludiet li l-appellant kien ghamlilha xi grif ghaliex kien ilmenta maghha meta kienet qed thallilu l-

karozza proprju quddiem il-bieb tad-dar tieghu. Hi qalet li l-gimgha ta’ qabel l-istess appellant kien qalilha li kien ta erba’ daqqiet fuq il-karozza, izda dan huwa jichdu. Il-*palm-print* tieghu fuq il-hgiega ta’ wara tal-karozza probabbilment saret meta serrah mal-karozza kif jaghmel meta ma jkunx qieghed juza krozza; (2) kwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-appellant josserva illi dwar l-inkonvenjenti li kienu qed jikkawzawlu l-immigranti huwa kien imur jirrapporta l-ghassa u mhux jiehu l-ligi b’idejh. Kwantu ghax-xiehda ta’ l-immigranti, id-diskrepanzi fix-xiehda taghhom hija dwar dak li gara u ghandhom iwasslu ghall-konkluzjoni li l-akkuzi maghmula minnhom huma inveritjeri. Konsegwentement ghandu jigi lliberat mit-tieni imputazzjoni. Inoltre l-appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel xhieda taw ix-xiehda taghhom permezz tas-sistema ta’ *video-conferencing*, u billi kellhom drapp imdawwar ma’ rashom, ma kienx possibbli ghall-appellant li jaghraf min kien qieghed jixhed u b’hekk gie zvantaggat; (3) dwar l-imputazzjonijet 13, 16 u 17 l-appellant jghid illi x-xhieda prodotti in rigward l-imputazzjonijiet 12 sa 17 ma kinux konvincenti u huma persuni li kellhom konflitti ma’ l-appellant minn zmien ghal zmien u ghamlulu rapporti mal-Pulizija. Huwa minnu li gie lliberat mill-imputazzjonijiet 12, 14 u 15 izda dwar l-imputazzjonijiet 13 u 16 ma jinghad xejn kif il-persuni li bezghu li ser jittajjru kinux f’nofs ta’ triq. Bla pregudizzju ghac-cahda ta’ l-appellant li saq xi vettura, il-provi li kellhom jitressqu kellhom ikunu univoci fis-sens li mhux huma qaghdu f’nofs ta’ triq imma s-sewwieq tela’ l-bankina biex jipprova jtajjarhom. U billi xi hadd jghid li l-appellant saq b’velocita`, la jfisser li jkun *over-speeding* u lanqas li huwa perikoluz jew bla kont. L-appellant jirreferi wkoll ghal dak li allegaw Miriam Ahmed Ali u Hawlia Chama li qal l-appellant meta jghidu li ma jifhmux bil-Malti, u ghal dak li allegat Zeineb Mohammed Yousef li rat xkubetta f’idejn l-appellant, meta lill-Pulizija ma jirrizultalhomx li ghandu xkubetta; (4) l-ewwel Qorti ma setghetx tissospendilu l-licenzja tas-sewqan eternament; (5) dwar l-imputazzjonijiet 6 sa 11 l-appellant jilmenta dwar il-fatt li l-ewwel Qorti ma tatx kredibilita` lill-verzjoni tieghu u dak li xehed ibnu u b’hekk ukoll ghamlet apprezzament hazin tal-fatti.

L-ewwel aggravju jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni. L-appellant jghid illi hadd ma rah jikkawza hsara lill-karozza GBD-882. L-ewwel Qorti ma setghetx tistrieh fuq ix-xiehda ta' sidt il-karozza dwar dak li allegatament qal l-appellant u li hu jichad. Jidher li l-ewwel Qorti strahet fuq rapport ta' l-impronti digitali li sab il-palmprint ta' l-appellant fuq il-hgiega ta' wara. Huwa jsostni illi jekk il-karozza kienet ipparkjata quddiem il-bieb tieghu, hija haga mill-aktar probabbli li mess maghha hu u hiereg, aktar u aktar fil-kondizzjoni tieghu li jzappap u jekk ma jkollux il-krozza jserrah ma' dak li jsib.

Dwar l-ewwel imputazzjoni xehed **P.S. 645 Gerald Gatt** li rcieva r-rapport minghand Anuska Borg Falzon dwar il-hsara fil-karozza taghha. Huwa ra l-karozza u kkonstata l-hsara li kien fiha. Qal li Borg Falzon qaltlu li kienet qed tissuspetta fl-appellant. Meta marret taghmel ir-rapport, Borg Falzon kienet imbezza' hafna.

**Anuska Borg Falzon** xehdet illi fl-10 ta' Awissu 2008 kienet mistiedna Hal-Far ghal party ta' maghmudija ta' immigranti rregolari u marret mal-partner taghha. Ipparkjaw faccata fejn taghlaq it-triq – fuq il-lemin hemm il-ground u fuq ix-xellug fetha qisha bitha. Hin minnhom marru xi nies jghidulha ccaqlaq il-karozza. Mar il-partner taghha li meta rritorna qallha li kien hemm persuna b'habel f'idejh li beda jghajjat u jkellmu hazin. Fil-karozza kienu saru xi hsarat u l-ghada marru jaghmlu rapport l-ghassa. L-istima tal-hsara kienet ta' €859. Gimgha wara regghet marret Hal-Far u pparkjat fil-bitha li semmiet u dahlet ghand il-habiba taghha. Hin minnhom mar tifel jghidilha ccaqlaq il-karozza. Nizlet u sabet lill-appellant go karozza Fiat Punto hadra. Beda jkellimha hazin u qallha biex iccaqlaq il-karozza ghax hemmhekk idawwar it-trakkijet. "U qalli l-gimgha l-ohra ghamiltlek erba' daqqiet u din id-darba neqridhielek." Dak il-hin ma kellmitux u regghet nizlet l-ghassa. Tlett ijiem wara regghet marret u pparkjat barra u dahlet bil-mixi. Kif kienet diehla, rat lill-appellant li meta nduna biha beda miexi lejha. Hi daret biex tghaddi minn x'imkien iehor u rat guvni li talbitu juriha minn fejn setghet tghaddi. Dak il-guvni hekk ghamel. L-appellant lehaqhom, beda jaghti fuq bieb ta' l-injam u

saqsiha jekk marritx taghmel rapport fuqu u qallha “issa qed issibni kalm imma darb’ohra ma nafx x’naghmel.”

**Mark Pellicano** kien il-guvni msemmi minn Anuska Borg Falzon, u jikkorrobora dan l-episodju.

**P.S. 1434 Mario Mercieca** kkonferma dan it-tieni rapport li ghamlet Anuska Borg Falzon dwar id-diskors li qallha l-appellant.

**P.S. 46 Charlot Casha** ha ritratti tal-karozza GBB-882 u eleva tliet impronti.

**Joseph Mallia** ha l-impronti digitali u palmprints ta’ l-appellant. Ghamel ezami komparattiv u rrizultalu li l-lifter Dok. 08 BUL 302 (li ttiehed min-naha ta’ barra tal-hgiega tal-bieba ta’ wara tal-karozza msemmija) taqbel ma’ parti mill-parka tal-pala ta’ l-id il-leminija ta’ l-appellant.

Dwar din l-ewwel imputazzjoni l-appellant cahad li ghamel hsara mal-karozza in kwistjoni. Cahad ukoll li lil Anuska Borg Falzon qallha xi haga. Qal li gieli sab karozzi pparkjati pero` qatt ma jaf li ghamel xi hsara ma’ xi karozza. “Issa jekk forsi jien kont ghaddej u tfajt subghajja, imma jien dan quddiem biebi qieghda.” In kontroezami qal li qatt ma ra l-karozza GBD-882. Mistoqsi kif jispjega l-impronta li nstabet qal li “bil-krozza jista’ jkun kont ha naqa’ u allura kelli nzomm mal-vettura.” In riezami rega’ qal li dik il-karozza ma rahiex, imbaghad li ma joqghodx jaghti kaz tan-numru. Cahad ukoll li lil Anuska Borg Falzon kellimha.

Minn dak li qal l-appellant, din il-Qorti ma tqisx li huwa kredibbli. Mill-banda l-ohra certament Anuska Borg Falzon ma kellhiex ghalfejn tigdeb dwar id-diskors li tghid li qalilha l-appellant u li kien jikkonsisti f’ammissjoni da parti tieghu dwar dak li kien ghamel lill-karozza taghha. Di piu` c-cahda ta’ l-appellant li kellem lil Borg Falzon hi kontradetta wkoll minn Mark Pellicano. L-ewwel Qorti mbaghad kienet ukoll f’posizzjoni li tara u tisma’ x-xhieda. Difatti qalet dwar Anuska Borg Falzon li “kienet xhud kredibbli ghall-ahhar, konsistenti f’dak li tghid kemm

quddiem din il-Qorti kif ukoll f'dak li qalet lill-pulizija." Jigifieri kontra l-appellant hemm kemm ix-xiehda ta' Anuska Borg Falzon kif ukoll l-impronta li nstabet fuq il-karozza taghha. Dak li pprova jaghmel l-appellant bix-xiehda tieghu kien, minghajr wisq success, li jdahhal id-dubju dwar dak li qalet Borg Falzon. Ghalhekk l-aggravju dwar l-ewwel imputazzjoni huwa michud.

It-tieni aggravju jirrigwarda t-tieni imputazzjoni. L-appellant jghid illi minn xhud tieghu pulizija jirrizulta illi l-immigranti rregolari qed ikunu ta' inkonvenjenza ghalih u kemm-il darba rrapportahom lill-Pulizija. Huwa rreleva dan biex juri li hu ma jihux il-ligi b'idejh u li r-residenti tal-OIWAS Open Centre mhumiex kuntenti bih. Jilmenta dwar li l-ewwel Qorti skuzat diskrepanzi fix-xiehda ta' l-immigranti peress illi d-diskrepanzi ma kinux dwar x'qal l-appellant izda dwar x'gara. Jghid li kien hemm xhud li qalet li ommha u mara ohra kienu qed jiccajtaw ma' l-appellant, meta ommha qalet li ma tafx bil-Malti. Jghid li wahda qalet li ratu jnizzel il-qalziet u l-ohrajn ma xehdux li rawh jaghmel hekk. Jghidu li ma jafux bil-Malti izda mbaghad jghidu li fehmuh jitkellem hazin u jheddidhom. Skond l-appellant, l-akkuzi ta' l-immigranti huma inveritjeri u motivati mill-animozita` li hemm bejnhom u l-appellant. Inoltre l-appellant jilmenta mill-fatt li sar video-conferencing biex tinstema' xi xhieda u l-monitor kien madwar seba' jew tmien metri boghod minnu u l-avukat tieghu, u billi x-xhieda thallew jixhdu bi drapp imdawwar ma' rashom, ma kienx possibbli ghalih li jaghraf lil min kien qieghed jixhed; b'hekk gie zvantaggat.

Dwar dan l-ahhar ilment, jirrizulta li qabel il-kontroezami ta' Rahama Ahmed Ali, id-difensur ta' l-appellant irrileva li l-appellant ma setax jaghraf il-wicc tax-xhud, anke minhabba l-mod kif kienet liebsa. Dak il-hin il-Qorti qalet: "Ippermettili minuta Dr. Cuschieri. It-tekniku addett ha jara jistax jirranga daqsxejn il-kontroll tal-brightness u tal-dan halli jara forsi jkollkom stampa daqsxejn ahjar." Imbaghad sar kontro-ezami serrat u ma jirrizultax li regghet tqajmet il-kwistjoni. Barra minn hekk fix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant qal li lil dik ix-xhud gharafha mill-vuci. L-ilment ghalhekk huwa wiehed frivolu ghall-ahhar.

Dwar il-kwistjoni tal-lingwa, jigi osservat illi Rahama Mohamed Ali xehdet bil-Malti, filwaqt illi Hawlija Chama u Miriam Ahmed Ali xehdu bis-Somalu tradott ghall-Ingliz li nqaleb ghall-Malti mill-Qorti. Dak li huwa rilevanti fix-xiehda taghhom ghall-finijiet tat-tieni imputazzjoni huwa dak li allegatament ghamel l-appellant fit-30 ta' Awissu 2008 ghall-habta ta' 12.00 p.m.

**Rahama Ahmed Ali** xehdet illi kienet barra l-post fejn toqghod u kien hemm l-appellant li beda jkellimha pastaz u nehha l-qalziet ta' taht u beda jaqbad il-parti tieghu u jghidilha ha j.... bih. Hi ghalhekk dahlet gewwa. **Hawlija Chama** u **Miriam Ahmed Ali**, it-tnejn jirreferu ghall-okkazjoni fejn l-appellant kien quddiem id-dar fejn joqoghdu u beda jkellem lil Rahama u qabad il-parti privata tieghu. L-appellant jirreferi ghal xi diskrepanzi fix-xiehda ta' dawn it-tliet persuni li minhabba fihom jidhirlu li m'ghandhomx ikunu xhieda kredibbli. Dawn id-diskrepanzi pero` ma jxejnux dak li xehdu dwar il-mossi li ghamel l-appellant. Hekk hemm diskrepanza apparenti dwar il-kronologija li biha hargu dawn it-tliet persuni. **Rahama Ahmed Ali** tghid li meta harget, kien hemm diga` ommha u Hawlija. **Hawlija Chama** tghid illi semghet lehen Rahama, hargu t-tfal taghha u harget hi wkoll. **Miriam Ahmed Ali** qalet illi meta sehh dan il-kaz kienu qeghdin barra hi, Rahama u Hawlija Chama. Pero` spjegat illi kienet hi l-ewwel wahda li harget u l-appellant beda jghid xi haga izda ma kinitx taf x'inhu jghid. Imbaghad harget Rahama u wara xi minuti Hawlija. Meta harget Rahama l-appellant beda jkellem lilha. Jigifieri m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li fil-hin ta' l-incident kienu t-tlieta barra. Imbaghad **Rahama Ahmed Ali** tghid illi meta harget, l-appellant kien qieghed "jiccajta" ma' l-ohrajn u jidhak maghhom u huma jidhku. Fuq mistoqsijiet tal-Qorti rrizulta li meta Rahama Ahmed Ali kienet qed tuza l-kelma "jiccajta", kienet qed tirreferi ghal diskors bhalma rrivolga lejha: "Ha n....k". Imbaghad hi dahlet gewwa u l-ohrajn baqghu hemm. **Hawlija Chama** tghid li meta harget ma rat lil hadd jidhak u jiccajta ma' l-appellant. Wara li gara l-incident ma kellhiex ghalfejn tibqa' barra u dahlet hi wkoll u dahhlet liz-zewgt ibniet taghha. **Miriam Ahmed Ali** qalet li qabel l-incident in kwistjoni ma kinux qed jiccajtaw ma'

l-appellant u wara li ghamel dak li ghamel l-appellant, “ahna u Rahama dhalna ‘l gewwa”. Din il-Qorti ma tistax teskludi li Hawlija Chama u Miriam Ahmed Ali setghu dahku b’dak li kien qieghed jaghmel l-appellant u dan ma qaluhx fil-Qorti minhabba sens ta’ pudur. Izda anke jekk stess dahku, dan ukoll ma jxejjinx dak li xehdu dwar il-mossi ta’ l-appellant.

Meta l-appellant xehed fit-8 ta’ Jannar 2009 qal li kuljum irid jitla’ l-Belt biex jassenja x-xoghol tax-xarabank. Dakinhar ukoll cahad li qatt neza’ l-qalziet u qal li kien gol-bitha tieghu bil-bermuda shorts u bla flokk. Meta xehed fil-15 ta’ Jannar 2009 qal li kien l-ghalqa mat-tifel qed jizirghu l-patata. Hin minnhom imbaghad jghid li filghodu mar jiffirma l-ghassa. Tant ta’ verzjonjiet differenti l-appellant li mhux ta’ b’xejn l-ewwel Qorti kkummentat li b’dak li qal l-appellant “huwa giddeb lilu nnifsu”. L-appellant ipproduca bhala alibi lit-tifel tieghu li ta l-verzjoni li dakinhar kien l-ghalqa ma’ missieru. Minhabba d-diversi verzjonijiet li ta l-appellant stess, it-tifel tieghu ma tantx jista’ jitqies bhala alibi tajjeb. Barra minn hekk, l-ewwel Qorti qalet dwar dan ix-xhud li wara li kellha l-opportunita` tara l-komportament tieghu waqt id-depozizzjoni tieghu, kif ukoll il-mod kif beda jirrispondi l-mistoqsijiet li kienu qed isirulu u l-kontenut tat-twegibiet, “tikkunsidrah bhala xhud assolutament inkredibbli u ma tista’ taghti l-ebda valur probatorju lid-depozizzjoni tieghu.”

Konsegwentement anke fir-rigward tat-tieni imputazzjoni l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi li l-appellant kien hati ta’ tali imputazzjoni u b’hekk anke t-tieni aggravju qieghed jigi michud.

It-tielet aggravju jirrigwarda it-tlettax, sittax u sbatax-il imputazzjonijiet. L-appellant jipprova jattakka l-kredibilita` ta’ min xehed. Jghid li ma nghad xejn kif il-persuni li bezghu li ser jittajru kinux f’nofs ta’ triq. Bla pregudizzju ghac-cahda tieghu li saq xi vettura, il-provi li kellhom jitressqu kellhom ikunu univoci, jghid l-appellant, fis-sens li mhux huma qaghdu f’nofs ta’ triq imma s-sewwieq tela’ l-bankina biex jipprova jtajjarhom. “U billi xi hadd jghidlek li l-imputat saq b’velocita`, la jfisser li jkun over-speeding u

anqas li huwa perikoluz jew bla kont. Il-ligi tippermetti sa massimu ta’ 60 k.f.s. fl-abitat, li hi velocita` konsiderevoli: allura kull min isuq b’dik il-velocita` ikun dejjem isuq bla kont u perikoluz?”

L-ewwel nett jinghad li l-limitu ta’ velocita` fl-abitat huwa ta’ 50 k.f.s. u mhux ta’ 60 k.f.s. Izda din hi l-velocita` massima permessa mil-ligi, u jistghu jinholqu sitwazzjonijiet fejn il-prudenza titlob velocitajiet inqas minhabba l-kwalita` tat-triq, il-kundizzjonijiet tat-temp, il-prezenza ta’ *pedestrians*, il-kwantita` ta’ traffiku, u perikli ohra. Fil-kaz in ezami ghalhekk l-appellant m’ghandux ragun meta jghid li ma nghad xejn dwar jekk il-persuni li bezghu li ser jittajru kinux f’nofs ta’ triq. Jekk kienu f’nofs ta’ triq u kien qieghed isuq, kien ovvjament mistenni li jesercita l-prudenza normali biex jassigura li ma jtajjarhomx. Pero` fix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti l-appellant ma jallegax li kienu f’nofs ta’ triq – u lanqas ma seta’ jallega dan peress illi huwa cahad li kien qieghed isuq; anzi qal li ilu tmien snin ma jsuq. Fi kwalunkwe kaz mill-provi ma jirrizultax li l-persuni koncernati kienu f’nofs ta’ triq. L-ewwelnett Nimo Aden Ali xehdet li kienet barra d-dar taghha mat-tarbija taghha. “I was in front of our door where Mr. Zahra was in a car and he drove the car and came at great speed in my direction.” Rahama Ahmed Ali xehdet li rat dan l-incident ukoll u, mistoqsija jekk it-tifla kinitx f’nofs tat-triq jew fejn il-bieb, qalet li kienet hdejn il-bieb. Mistoqsija hemmx bankini wiegbet li ma tahsibx.

Dwar l-allegazzjonijiet maghmula minn persuni ohra, l-appellant fir-rikors ta’ appell tieghu jipprova jwaqqa’ dak li jghidu billi jghid li ma jafux bil-Malti. Fil-verita` persuna tista’ twassal il-messagg taghha anke permezz ta’ mossi.

Ghalhekk anke t-tielet aggravju huwa michud.

Ir-raba’ aggravju jirrigwarda d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li tissospendi lill-appellant milli jkollu kwalunkwe tip ta’ licenzja tas-sewqan minghajr ma tistabilixxi terminu. Hawnhekk l-appellant ghandu ragun u din il-Qorti sejra tistabilixxi terminu hi.

Il-hames aggravju jirreferi ghall-imputazzjonijiet min-numru sitta san-numru hdax. L-appellant jghid illi hemm diskrepanza bejn dak li jghid l-appellant u dak li jghidu l-pulizija. Isostni li l-verita` hi li dakinhar dahal fil-karozza biex igib krozza u l-pulizija hasbu li kien ser igib arma kontrihom. Tefghulu l-pepper-spray izda meta raw li dan ma kellu ebda arma, hallewh jitlaq ‘l hemm u huma marru lejn l-ghassa. Skond l-appellant, hadd mill-pulizija ma qal li segwew lill-appellant sal-grada; kienet biss l-ewwel Qorti li harget bl-ideja li l-pulizija setghu jaslu biss sal-grada tal-gnien ghaliex l-appellant ihalli klieb kbar li jimpedixxu lil kwalunkwe persuna milli tavvicina l-bieb tad-dar.

L-ewwelnett din il-Qorti tosserva li mhijiex xi teorija li vvintat l-ewwel Qorti li l-pulizija ma setghux jidhlu minhabba l-klieb. P.S. 1602 Marco Mifsud xehed li mar isegwi lill-appellant meta dahal fir-residenza tieghu “pero` sibt diffikulta` biex nidhol fir-residenza ta’ Zahra peress li kien hemm xi klieb li huma tieghu. Kienu klieb kbar.” Konvenjentement ukoll l-appellant jinsa dak kollu li wassal lil P.S. Mifsud ghad-decizjoni li kellu jarresta lill-appellant. P.S. Mifsud xehed li tela’ ma’ P.C. 589 Etienne Grima wara telefonata minghand certa Rahama Ali li l-appellant kien qieghed jostakolalhom il-hrug u d-dhul ta’ l-Open Centre u jheddidhom. Hemm sabu lill-appellant jikkustinja ma’ xi klandestini. Mar ikellmu, izda kien arroganti mieghu, beda jidghi u jghid kliem ta’ theddid fil-konfront tal-klandestini fis-sens li kien ha jahraq l-Open Centre. Ipprova jikkalma lill-appellant izda huwa beda jinsulenta lil P.S. Mifsud u lill-pulizija in generali u anke hedded lil P.C. 589 billi qallu illi jaf fejn joqghod. F’dak il-mument iddecieda li jarresta lill-appellant. P.C. 589 Etienne Grima kkonferma dak li xehed P.S. Mifsud u qal li anke sema’ lill-appellant jghid li ha jidhol ghas-senter u jisparalhom. Hawn din il-Qorti trid tosserva illi persuna tista’ taghmel theddida bhal din anke jekk ma jkollhiex senter, izda taghmilha semplicement biex tbezza’.

Mix-xiehda ta’ P.S. Mifsud u P.C. Grima jirrizulta li hekk kif resqu lejn l-appellant biex jarrestawh, dahal f’karozza, qabad injama u beda jaghti biha u bis-sieq. Kien f’dan il-waqt li P.C. Grima uza l-pepper-spray. Qalu wkoll li meta

bdew jippruvaw jaqbdu lill-appellant beda jizolqilhom peress illi kien zaqqu barra u gharqan hafna. P.C. Grima cahad li dakinhar l-appellant kien qieghed juza krozza. Mhuwiex inverosimili li dawn il-pulizija ma rnexxilhomx jarrestaw lill-appellant minhabba d-diversi fatturi li semmew, cioe` li jizolqilhom meta jippruvaw jaqbduh u li juza l-injama biex izommhom *at bay*.

Dwar dan l-incident l-appellant jghid illi l-pulizija li mar fuqu qallu “int qed issuq fuq in-nies?” u qabad jitfa l-pepper-spray. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, il-fatti mill-ewwel jiskreditaw lill-appellant peress illi l-incident li kien jinvolvi sewqan fid-direzzjoni tan-nies sehh fit-2 ta’ Settembru 2008 u mhux fit-30 ta’ Awissu 2008.

L-ewwel Qorti kkonkludiet li mill-ezami li ghamlet tal-provi li kienu jirrigwardaw l-imputazzjonijiet min-numru sitta san-numru hdax, kienet sodisfatta li jirrizultaw pruvati fil-grad rikjest mil-ligi. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi u ghamlet l-osservazzjonijiet ta’ hawn fuq, hi tal-fehma li hawn ukoll l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet, b’dan illi fil-kaz tas-sitt imputazzjoni ma jirrizultax illi l-appellant hedded lil P.S. 1602 Marco Mifsud u ma jirrizultax lanqas li ghamel xi offiza fuq l-istess P.S. 1602 Marco Mifsud u P.C. 589 Etienne Grima. Dan b’ebda mod ma jisat’ jinfluwenza l-*quantum* tal-piena peress li din hi sew fil-parametri tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi, b’referenza ghas-sitt imputazzjoni tirrevokaha limitatament in kwantu sabitu hati taht dik is-sitt imputazzjoni li hedded lil P.S. 1602 Marco Mifsud jew li ghamel offiza fuq l-istess P.S. 1602 Marco Mifsud u P.C. 589 Etienne Grima, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u tiddikjarah mhux hati ta’ hekk filwaqt illi tikkonferma s-sejbien ta’ htija taht l-istess sitt imputazzjoni fil-bqija; tirrevokaha in kwantu ssospendiet lill-appellant

milli jkollu kwalunkwe tip ta’ licenzja tas-sewqan minghajr ma stabbiliet perijodu ta’ zmien ghal tali sospensjoni u minflok tissospendieh milli jkollu kwalunkwe tip ta’ licenzja ta’ sewqan ghal perijodu ta’ sentejn millum; tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, inkluz li l-perijodu ta’ l-obbligazzjoni ghas-sigurta` tal-persuni msemmija fis-sentenza u li l-appellant ffirma fit-12 ta’ Marzu 2009 (a fol. 272) jibda jiddekorri minn meta jiskonta l-piena karcerarja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------